

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11142/1/23
REV 1

ECOFIN 667
UEM 201
SOC 493
EMPL 344
COMPET 688
ENV 767
EDUC 280
RECH 312
ENER 403
JAI 913
GENDER 144
ANTIDISCRIM 138
JEUN 182
SAN 419

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	11142/23
Nru dok. Cion:	COM(2023) 612 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 612 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja tal-2023 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja tal-2023

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-14 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Italja għall-2023. Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex titwettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023–2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni pproponiet li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbieġha tal-2024 fuq il-bażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investiment. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-30 ta' April 2021, l-Italja ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Italja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.
- (10) Fit-2 ta' Mejju 2023, l-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Italja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

⁶ ST 10160/21 INIT; ST 10160/21 ADD 1; ST 10160/21 ADD 1 REV 1; ST 10160/21 ADD 1 REV 2; ST 10160/21 ADD 1 REV 2 COR 1.

- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Italja. Hija vvalutat il-progress tal-Italja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u rat fiex waslet l-implimentazzjoni tal-Italja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Italja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Italja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, filwaqt li sar xi titjib, jippersistu l-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajjef fil-produttività, f'kuntest ta' fraġilitajiet tas-suq tax-xogħol u xi dgħufijiet fis-swieq finanzjarji, li jkollhom rilevanza transfruntiera. Il-vulnerabbiltajiet fit-tul tal-Italja naqsu kemxejn matul dawn l-aħħar snin iżda għadhom sinifikanti u mhumiex mistennija li jonqsu malajr. It-tkabbir baxx persistenti fil-produttività kien fattur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku dgħajjef fit-tul tal-Italja, li jnaqqas id-diżingranaġġ tad-dejn tal-gvern, ixekkel l-opportunitajiet ta' xogħol u jkollu impatt fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern kompli jonqos fl-2022 flimkien mal-irkupru ekonomiku. Madankollu, għadu għoli u jikkostitwixxi sfiċa sostanzjali għas-sostenibbiltà fiskali. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku huwa mbassar li jkompli jonqos sal-2024 iżda li jiżdied fuq terminu medju fin-nuqqas ta' miżuri ta' konsolidazzjoni. Il-Gvern implimenta aktar miżuri biex jappoġġa r-reżiljenza tas-settur finanzjarju u s-self improduttiv naqas b'mod sinifikanti, iżda l-banek għadhom esposti b'mod sinifikanti għad-dejn sovrani. Sar xi progress permezz ta' politiki biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi, iżda huma meħtieġa sforzi sostnuti u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' l-prijorità ewlenija ta' politika billi tinkludi riformi komprensivi u investimenti sinifikanti. It-tqegħid tad-dejn għoli tal-gvern fuq perkors ta' tnaqqis stabbli, f'kuntest ta' kostijiet tas-servizzi tad-dejn li qed jogħlew u kostijiet relatati mal-età li qed jogħlew, jirrikjedi approċċ multidimensjonali li jiddependi fuq politiki fiskali prudenti b'surpluses primarji adegwati, investimenti u riformi li jsaħħu t-tkabbir, konformità akbar mar-regoli tat-taxxa kif ukoll użu effiċjenti tar-riżorsi nazzjonali u tal-Unjoni. L-Italja qed tthabbat wiċċha ma' sfiċi li, flimkien mal-implimentazzjoni b'saħħitha kontinwa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, tibbenefika minn sforzi addizzjonali ta' politika, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tassazzjoni, il-qafas fiskali u s-sistemi tal-pensjonijiet kif ukoll fl-oqsma tad-demografija, is-suq tax-xogħol, u l-enerġija.

(13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Italja naqas minn 9.0 % tal-PDG fl-2021 għal 8.0 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 149.9 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 144.4 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Italja, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 3 % tal-PDG, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 60 % tal-PDG u ma rrispettax il-valur referenzjali tat-tnaqqis tad-dejn. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterji tad-defiċit u tad-dejn ma ġewx issodisfati. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtieġ li l-Italja tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2024.

(14) Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat mit-trattament statistiku l-ġdid ta' krediti ta' taxxa fuq ir-rinnovazzjoni tad-djar, li issa ġew irreġistrati bħala trasferimenti kapitali u fil-biċċa l-kbira akkumulaw għall-2021 u l-2022⁷. Ġie affettwat ukoll mill-miżuri ta' politika fiskali li ttieħdu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu miżuri biex jiġu kkontrollati l-imposti tas-sistema ġenerali fis-setturi tal-elettriku u tal-gass, it-tnaqqis tar-rata tal-VAT fuq il-gass, it-tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-prezzijiet tal-fjuwil, it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema taħt ċertu limitu ta' introjtu, filwaqt li tali miżuri ta' politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu sussidji lill-kumpaniji tal-elettriku u tal-gass, espansjoni tal-"bonus soċjali" għall-kontijiet tal-elettriku u tal-gass għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, allowances skont test tal-mezzi għall-ħaddiema, pensjonanti u persuni qiegħda u żieda fil-pensjonijiet tax-xjuħija, bi 2 % f'Ottubru 2022 qabel l-indiċjar statutorju relatat mal-inflazzjoni normalment dovut fl-2023. Il-kost ta' daww il-miżuri kien parzjalment ikkumpensat minn taxxi ġodda fuq profitti straordinarji mhux mistennija ta' produtturi u fornituri tal-enerġija u dħul mill-mekkaniżmu ta' kumpens fuq il-prezz tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli u mill-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' kumpens fis-settur tal-elettriku, meqjus li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854⁸ dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' daww il-miżuri huwa ta' 2.5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 niżel għal 1.1 % tal-PDG fl-2022, minn 3.4 % fl-2021, billi l-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri li ttieħdu b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19.

⁷ It-trattament statistiku l-ġdid implika reviżjoni 'l fuq tad-defiċit b'1.8 punt perċentwali tal-PDG fl-2021. Fl-2022, il-krediti ta' taxxa involuti mit-trattament statistiku l-ġdid huma stmata li kellhom impatt li jżid id-defiċit ta' 2.6 punti perċentwali tal-PDG.

⁸ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU L 261 I, 7.10.2022, p. 1).

- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 l-Italja⁹ tuża l-Faċilità biex tiffinanzja investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru, filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Italja tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Italja tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.
- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali¹⁰ fl-2022 kienet espansjonarja, fil-livell ta' 3.2 % tal-PDG. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Italja kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.9 % tal-PDG fl-2022 (0.4 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprova kontribut newtrali għall-pożizzjoni fiskali¹¹. L-Italja għalhekk, ippreservat l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 2.4 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 2.2 % tal-PDG), kif ukoll il-kost biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0.1 % tal-PDG). Għalhekk l-Italja żammet suffiċjentement taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Italja, (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 53).

¹⁰ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

¹¹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pproġettata li tipprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.3 punti perċentwali tal-PDG. Dan huwa spjegat miż-żieda fin-nefqa relatata mal-krediti ta' taxxa għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini, li hija rreġistrata bħala trasferiment kapitali.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 kemm għall-2023 kif ukoll l-2024. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.0 % fl-2023 u b'1.5 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali kemxejn oġhla ta' 1.2 % fl-2023 u kemxejn aktar baxx, fil-livell ta' 1.1 %, fl-2024, prinċipalment minħabba kontribuzzjoni iżgħar ta' investiment, li l-Gvern jipprojetta li ser tikber bi 3.4 % sena wara sena filwaqt li l-Kummissjoni tbassar li ser tikber b'1.4 %.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tiegħu, il-Gvern jistenna li fl-2023 id-dejn tal-gvern estiż jonqos għal 4.5 % tal-PDG. It-tnaqqis fl-2023 jirrifletti prinċipalment it-tnaqqis fit-trasferimenti kapitali relatati mal-krediti ta' taxxa li jappoġġaw l-investiment privat fl-effiċjenza tal-akkomodazzjoni, tnaqqis fil-kumpens tal-impjegati minħabba t-tiġdid retroattiv tal-kuntratti pubbliċi għall-perjodu 2019-2021, li għalihom parti sostanzjali mill-arretrati ġiet irreġistrata fl-2022, tnaqqis fis-sussidji fuq il-produzzjoni flimkien ma' krediti ta' taxxa aktar baxxi għal kumpaniji tal-elettriku u tal-gass u nefqa tal-imgħax aktar baxxa prinċipalment spjegata minn rendimenti aktar baxxi fuq bonds tal-gvern indiċjati mal-inflazzjoni. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 144.4 % fi tmiem l-2022 għal 142.1 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.5 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 140.4 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal tkabbir nominali oġhla tal-PDG fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jintlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu minn miżuri estiżi mill-2022 b'mod partikolari: sussidji lil kumpaniji tal-elettriku u tal-gass, miżuri għall-kontroll ta' imposti ġenerali tas-sistema fis-settur tal-gass, tnaqqis tar-rata tal-VAT fuq il-gass u tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema taħt ċertu limitu ta' introjtu, kif ukoll miżuri ġodda bħal bonus għat-tiżhin għall-unitajiet domestiċi kollha għall-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2023. Il-kost ta' dawk il-miżuri għadu parzjalment ikkumpensat minn taxxi fuq profitti straordinarji mhux mistennija ta' produttori u fornituri tal-enerġija. Meta jitqies dak id-dħul, fl-2023 il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa projettat li tkun ta' 1.0 % tal-PDG¹². Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, għalkemm il-maġġoranza tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika. B'risultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹³, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.7 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-1.2 % tal-PDG fl-2022). Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali totali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 1.1 % tal-PDG.

¹² Dik iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja tal-2022 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Italja, (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 96).

(20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Italja tiżgura politika fiskali prudenti fl-2023, b'mod partikolari billi tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment għal taħt it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju¹⁴, filwaqt li tqis it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Italja tkun lesta taġġusta n-nefqa attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Ġie rakkomandat lill-Italja wkoll biex tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹⁴ Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Italja huwa stmat f'livell ta' 6.4 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+2.6 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-3.2 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.9 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Għalhekk, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Il-kontribuzzjoni restrittiva pprojetjata tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija dovuta, fis-sustanza, għall-kostijiet imnaqqa (b'1.5 punt perċentwali tal-PDG) tal-miżuri ta' appoġġ (immirati u mhux immirati) għall-unitajiet domestiċi u d-ditti b'rispons għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-muturi ewlenin tat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) huma ż-żieda fin-nefqa fuq il-pensjonijiet minħabba l-indiċjar għall-inflazzjoni tas-sena preċedenti¹⁵ u t-tnaqqis ulterjuri adottat reċentement fil-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għal dawk b'introjtu baxx u medju. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 1.4 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punt perċentwali¹⁶. Għalhekk, l-Italja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u hija pprojetjata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija qed tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-investimenti fin-network ferrovjarju, l-enerġija rinnovabbli, l-idroġenu, il-grilji tal-elettriku u l-mobilità sostenibbli, il-protezzjoni tar-riżorsi tal-art u tal-ilma kif ukoll investimenti relatati mal-infrastruttura tal-cloud għall-amministrazzjoni pubblika, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni. Fid-dawl tal-għargħar devastanti li laqtu l-Italja f'Mejju 2023, il-kost tal-appoġġ dirett ta' emerġenza relatat ma' dawk l-għargħar ser jitqies f'valutazzjonijiet sussegwenti tal-konformità u fil-prinċipju ser jitqies bħala miżura ta' darba u temporanja¹⁷.

¹⁵ Il-Liġi Nru 197/2022 tipprevedi reviżjoni parzjali tal-mekkaniżmu ta' indiċjar għall-pensjonijiet li jkunu haġġu matul il-perjodu ta' bejn l-2023 u l-2024 li llimitat l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-projezzjonijiet baġitarji.

¹⁶ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li ttipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 2.3 punti perċentwali tal-PDG. Dan huwa spjegat mit-tnaqqis mistenni fin-nefqa għall-krediti ta' taxxa għax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini.

¹⁷ Għad-definizzjoni ta' miżura ta' darba ara r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM tal-2015.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 3.7 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment tnaqqis fin-nefqa għall-konsum intermedju u għall-kreditu ta' taxxa għal kumpaniji tal-elettriku u tal-gass. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 141.4 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 3.7 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa f'konformità mad-defiċit ipprojetat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, għalkemm it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni ma jinkludix miżuri ppjanati li jżidu d-defiċit li jammontaw għal 0.2 % tal-PDG, li d-dettalji għalihom għadhom mhumiex magħrufa. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 140.3 % fi tmiem l-2024. Id-differenza hija dovuta għal tkabbir nominali ogħla tal-PDG fit-tbassir tal-Kummissjoni.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁸. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li l-iżbilanċ jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-1.3 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.0 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024.
- (25) Filwaqt li jassumi l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali tikber fil-livell ta' 0.8 % fl-2024, li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. Fid-dawl tal-għargħar devastanti li laqtu l-Italja f'Mejju 2023, il-kost tal-appoġġ dirett ta' emerġenza relatat ma' dawk l-għargħar ser titqies f'valutazzjonijiet sussegwenti tal-konformità u fil-prinċipju ser titqies bħala miżuri ta' darba u temporanji.
- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-investment tal-gvern mistenni jiżdied minn 3.3 % tal-PDG fl-2023 għal 3.8 % tal-PDG fl-2024. L-investment oġġla jirrifletti investment oġġla ffinanzjat fil-livell nazzjonali u investment iffinanzjat mill-Unjoni, inkluż permezz tal-Faċilità. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u investimenti jinkludu r-riforma tal-kodiċi tal-akkwist, li hija wkoll parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u s-sistema tat-taxxa inkluż fil-liġi abilitanti ta' Marzu 2023 (il-"liġi abilitanti dwar ir-riforma tat-taxxa").

¹⁸ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 3.0 % tal-PDG fl-2025 u għal 2.5 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG mill-2025. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 141.4 % fi tmiem l-2024 għal 140.4 % sa tmiem l-2026.
- (28) Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol tal-Italja baqa' għoli fil-livelli kollha tal-introjtu meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, minkejja t-tnaqqis tat-taxxi fuq l-introjtu personali implimentat fl-2022. Barra minn hekk, l-estensjoni tar-reġim b'rata fissa għall-ħaddiema għal rashom tqajjem tħassib dwar l-ekwità u l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa. L-introduzzjoni ta' reġim ġdid b'rata fissa fuq il-qligħ għall-2023 iżżid ukoll il-kumplessità. F'Marzu 2023, il-Gvern adotta liġi abilitanti ġdida għal riforma ġenerali tas-sistema tat-taxxa (il-"liġi abilitanti dwar ir-riforma tat-taxxa"). Hija mistennija li tindirizza xi dgħufijiet li ilhom jeżistu, inkluż billi tnaqqas it-taxxi fuq ix-xogħol u tirrazzjonalizza u tissimplifika n-nefqa tat-taxxa u t-taxxi korporattivi. Meta tiġi implimentata dik ir-riforma, huwa kruċjali li tiġi ppreservata l-progressività tas-sistema tat-taxxa, titnaqqas il-kumplessità, jizjed l-inċentivi għax-xogħol, tissaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-taxxa u tiġi żgurata n-newtralità baġitarja. F'dan ir-rigward, hemm il-potenzjal li jizjed id-dħul minn sorsi oħra li huma inqas detrimentali għat- tkabbir, bħall-proprjetà, il-VAT u l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' assi kostali tal-istat, sabiex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol b'mod newtrali għall-baġit. Hemm lok ukoll biex jittejjeb it-tfassil tat-taxxi ambjentali, li, minkejja dħul relattivament għoli, ma jipromwovix biżżejjed it-tranżizzjoni lejn teknoloġiji aktar nodfa, anke minħabba l-użu estensiv ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi indirizzata sfida li ilha teżisti u li mhijiex inkluża fil-liġi abilitanti dwar ir-riforma tat-taxxa, jiġifieri l-valuri katastrofali fil-biċċa l-kbira skaduti, li jservu bħala bażi għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-proprjetà.

(29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Italja tinsab għaddejja, madankollu b'riskju ta' xi dewmien. L-Italja ppreżentat tliet talbiet għal pagament, li jikkorrispondu għal 151 stadju importanti u mira fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 42 biljun (l-ammont jirreferi għall-ewwel żewġ talbiet għal pagament, filwaqt li t-tielet waħda qed tiġi vvalutata). Il-proċediment rapidu bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u n-negozjar tal-emenda tiegħu huwa essenzjali minħabba n-natura temporanja tal-Faċilità fis-seħħ sal-2026. Huwa importanti li l-Italja ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, partikolarment fil-livell subnazzjonali, biex tkompli ttwettaq l-impenji tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li qafas ta' governanza effettiv u kompletament operazzjonali jibqa' kruċjali għal implimentazzjoni bla xkiel u f'waqtha ta' dak il-pjan. Għadu kruċjali li jiġu identifikati minn kmieni dewmien potenzjali u kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u li tittieħed azzjoni f'waqtha biex tindirizzahom. F'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Marzu 2023, l-Italja esprimiet l-intenzjoni tagħha li titlob appoġġ ta' self addizzjonali taħt il-Faċilità. In-negozjati dwar l-addendum u l-kapitolu REPowerEU għadhom għaddejjin, għalkemm l-Italja ma ppreżentat l-ebda proposta uffiċjali. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu REPowerEU l-ġdid fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-objettivi strateġiċi tal-Italja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. Bħala riżultat ta' ċirkostanzi oġġettivi relatati maż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni, u r-restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Latvja biħsiebha tippreżenta emendi għall-pjan, kif ukoll li żżid kapitolu ġdid tar-REPowerEU biex taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

- (30) Il-Kummissjoni approvat il-biċċa l-kbira tad-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Italja fl-2022 u approvat ieħor fl-2023. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tizzied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jiġi bbilanċjat l-iżvilupp territorjali fl-Italja.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi dwar il-politika ta' koeżjoni, l-Italja qed tthabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-politika dwar l-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika, partikolarment dwar l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-trażmissjoni tal-gass, l-effiċjenza enerġetika, il-forniment u l-akkwist ta' ħiliet ekoloġiċi u l-mobilità sostenibbli.
- (32) Il-kapaċità rinnovabbli kibret b'mod kajman ħafna matul is-sena li għaddiet, u s-sehem ta' fjuwils fossili fit-taħlita enerġetika għadu sinifikanti. Biex taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-Italja adottat xi emendi għall-qafas eżistenti li jirregola l-ħruġ tal-permessi u l-proċess ta' awtorizzazzjoni għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-qafas amministrattiv u dak leġiżlattiv kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak subnazzjonali, u r-rilevanza tagħhom għat-teknoloġija tal-enerġija tal-ogħla livell taż żvilupp tekniku. Pereżempju, in-normi kollha relatati jistgħu jiġu konsolidati f'test uniku (*Testo unico*); fl-istess ħin, huwa meħtieġ li jiġu aġġornati l-linji gwida li l-awtoritajiet subnazzjonali jsegwu biex jevalwaw il-proġetti. Fl-aħħar nett, huma meħtieġa aktar investimenti għat-titjib tal-grilja nazzjonali u l-kostruzzjoni ta' interkonnessjonijiet bejn il-kontinent, Sqallija u Sardinja biex jippermettu l-kapaċità ta' ġenerazzjoni oġhla mistennija u jassorbu ż-żieda relatata fl-output rinnovabbli.

- (33) Għad fadal l-ostakli fin-network tal-gass. L-Italja qed tiddiskuti investimenti ma' sħab fl-Afrika ta' Fuq biex iżżid il-kapaċità ta' importazzjoni tal-pipelines u l-interkonnetturi tal-gass eżistenti. Dan jgħin biex jiġu ddiversifikati l-importazzjonijiet u għalhekk tissaħħa is-sigurtà tal-provvista. Madankollu, huma meħtieġa aktar investimenti biex ineħħu l-ostakli fin-network domestiku eżistenti, li ma għandux il-kapaċità ta' trażmissjoni li jiddistribwixxi konsum ġdid ta' gass min-Nofsinhar għat-Tramuntana tal-pajjiż. L-investment fl-infrastruttura tal-fjuwils fossili jeħtieġ li jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u jitfassal biex jibqa' validu fil-futur, biex jiġi evitat intrappolament f'teknoloġiji li mhumiex konsistenti mal-oġġettivi klimatiċi jew li jżidu l-kost tat-tranżizzjoni tal-enerġija.
- (34) Il-konsum tal-gass naturali tal-Italja naqas b'19 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fl-aħħar ħames snin, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁹. L-Italja hija mħeġġa tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706²⁰. Huwa meħtieġ li l-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini jkunu mmirati. L-istokk tal-bini tal-Italja għandu potenzjal konsiderevoli ta' effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rigward tas-sehem kbir ta' bini antik u li juża ħafna enerġija. Il-miżuri eżistenti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jstgħu jiġu kkomplementati minn miżuri, bħal skemi ta' inċentivi mmirati biex iżidu l-effiċjenza enerġetika fil-bini bl-aġar rendiment, inkluż il-bini kummerċjali u l-akkomodazzjoni pubblika, filwaqt li jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jibbenefikaw minn dawk il-miżuri u li jiġu evitati effetti rigressivi. Dawk il-miżuri jkunu partikolarment ta' benefiċċju għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li spiss ma jkollhomx il-kapaċità teknika u finanzjarja biex itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom. L-istess miżuri jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku, li jista' jkompli jiġi indirizzat permezz ta' miżuri oħra, pereżempju permezz ta' punti uniċi ta' servizz li jipprovdu servizzi personalizzati għall-iffrankar tal-enerġija. Il-gwadanji fl-effiċjenza enerġetika jibbenefikaw ukoll minn żieda fis-sorveljanza tas-suq għall-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija.

¹⁹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

²⁰ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (35) Il-lakuni fl-infrastruttura u s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inkluż it-trasport bit-triq, għadhom sostanzjali u jiskoraġġixxu t-tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet tat-trasport aktar sostenibbli. Pereżempju, l-għadd medju ta' punti tal-iċċarġjar għadu taħt il-medja tal-Unjoni. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent jinkludu t-tassazzjoni b'rata fissa tal-karozzi tal-kumpaniji disponibbli għall-użu privat u r-rimborż tad-dazju tas-sisa fuq id-diżil użat fil-merkanzija. It-tkomplija tal-isforzi biex jiġu introdotti stazzjonijiet tal-iċċarġjar u jitneħħew dawk is-sussidji hija kruċjali biex jiġi kkonsolidat is-suq għal vetturi b'emissjonijiet zero.
- (36) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-Italja, kemm l-okkupazzjonijiet b'livell għoli ta' ħiliet kif ukoll dawk b'livell baxx ta' ħiliet li huma kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika huma affettwati minn nuqqasijiet. Fl-istess ħin, l-appoġġ għat-taħriġ spiss ma jilħaqx lill-ħaddiema li x'aktarx jiġu affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. In-nuqqas ta' ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika fis-settur pubbliku, b'mod partikolari fil-livell lokali, qed jillimita wkoll l-investimenti ekoloġiċi. L-Italja qed tħabbat wiċċha ma' disparitajiet reġjonali kbar li jirriskjaw li jiġu aggravati jekk is-swieq tax-xogħol lokali ma jkunux jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, ikun kruċjali fil-ġlieda kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-għargħar aggravat u n-nixfiet persistenti.
- (37) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni²¹ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

²¹ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (38) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pessjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' hili; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għall-Italja, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (3) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro.
- (39) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni Nru (1). Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet marbuta ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajjed fil-produttività. Ir-rakkomandazzjoni (2) tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jikkontribwixxu kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rakkomandazzjonijiet tal-2023 dwar iż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 38,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Inaqqsu gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ fis-seħħ, u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 1.3 %²².

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal produttività mtejba u għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tkompli tnaqqas it-taxxi fuq ix-xogħol u żżid l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa, tadotta u timplimenta b'mod xieraq il-liġi abilitanti dwar ir-riforma tat-taxxa filwaqt li tippreserva l-progressività tas-sistema tat-taxxa u ssaħħaħ il-ġustizzja, partikolarment billi tissimplifika u tnaqqas in-nefjiet tat-taxxa, inkluż il-VAT u s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, u billi tnaqqas il-kumplessità tal-kodiċi tat-taxxa. Tallinja l-valuri katastrofali mal-valuri attwali tas-suq.

²² Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.7 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

2. Tiżgura governanza effettiva u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, partikolarment fil-livell subnazzjonali, sabiex tippermetti implimentazzjoni rapida u kostanti kontinwa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda b'mod rapidu l-implimentazzjoni tiegħu. Tkompli bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Tnaqqas id-dipendenza fuq fjuwils fossili. Tissimplifika l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi sabiex taċċellera l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali u tiżviluppa interkonnessjonijiet tal-elettriku biex jassorbuha. Iżżid il-kapaċità għat-trażmissjoni interna tal-gass sabiex tiddiversifika l-importazzjonijiet tal-enerġija u ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista. Iżżid l-effiċjenza enerġetika fis-setturi residenzjali u korporattivi, inkluż permezz ta' skemi ta' inċentivi mmirati aħjar, li jindirizzaw b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli u l-bini bl-aġħar rendiment. Tippromwovi l-mobbiltà sostenibbli, inkluż billi tneħħi s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u tħaffef l-introduzzjoni tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President